**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR38/VIII/2022**

**Il-Ħamis, 20 ta' Ottubru 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 20 ta' Ottubru 2022, fil-17:00.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli – Kunsillier

Skużat:
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier

Uffiċċjal Preżenti
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**38.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-17:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**38.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-membru Debrincat.

**38.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

38.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 37 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

38.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

38.3.3 Ma kienx hemm korrezzjonijiet u l-minuti ġew approvati.

**38.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

38.4.1 Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-fondi mid-Development Planning Fund (DPF) tal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA), sabiex jitkompla l-kisi ta' Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, Triq l-Iskola u Triq l-Arċipriet Alfons Maria Ħili. Il-Kunsill diġa' għandu l-BOQs ta' dawn it-toroq. Il-memri qablu wkoll li ssir l-istess applikazzjoni sabiex titkompla Triq l-Arċipriet Saver Cassar. Dawn it-toroq għandhom jinksew bil-granit li kien inqala' minn Pjazza San Ġorġ u li qiegħed merfugħ għand Road Construction Co. Ltd.

38.4.2 Rigward il-blokka ġdida li ser tinbena fil-*Housing Estate* taċ-Ċawla minn naħa tal-Ministru għal Għawdex, il-Kunsill intalab ineħħi l-playing field equipment li hemm fl-*area.* Is-Sindku għarraf lill-membri li hu mar on-site mal-handyman u anke' ssuġġerixxa lill-Perit tal-Ministeru jekk l-equipment jistax jerġa jitpoġġa f'post ieħor f'taċ-Ċawla stess. Il-Perit tal-Ministeru bagħat pjanta fejn juri fejn ser isir il-bini u minn fejn ser jidħlu l-inġenji. Jirriżulta li m'hemmx alternattiva għajr li l-equipment jitneħħa minn taċ-Ċawla. Il-membri qablu li dan jitpoġġa fil-playing field ta' Triq taħt Putirjal fil-parti ta' fuq malli tidħol.

**38.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

38.5.1 Rigward applikazzjoni mal-MEPA li kienet saret mill-Kunsill fl-2007 – DN 00270/07 – *to rationalise street layout to accomodate more parking spaces,* tqajmet mistoqsija minn resident fejn qed jgħid li l-Kunsill kien applika fuq l-art ta' terzi. Il-Perit tal-Kunsill iċċekja dwar dan u bagħat id-dokumenti li kienu ġew approvati mill-MEPA. Kif jidher fis-*site plan*, il-Kunsill kien immarka dik li tidher bħala triq uffiċċjali fil-pjanti tal-PA 9 dakinhar (MEPA). Kif jidher minn dawn il-pjanti approvati, il-proposta kienet fuq l-asfalt li kien diġa jeżisti minħabba arranġament għall-parkeġġ tal-vetturi. Dan ma jinfluwixxi bl-ebda' mod fuq il-propjeta' ta' terzi.

38.5.2 Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jerġa jitlob lill-Ministru għal Għawdex sabiex Triq Sir Arturo Merciecaq tinqala u tinbena mill-ġdid peress li tinsab fi stat ħażin ħafna. Għandhom jerġgħu jintbagħatu l-BOQs ta' din it-triq.

38.5.3 Dwar il-proġett '*New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo',* LCF/16/2020, l-enġiniera tad-dawl bagħtu rapport rigward il-karatteristiċi tad-diffusers ċari u matti li jikkonċernaw il-lampi ġodda li saru permezz ta' dan il-proġett. Il-Kunsill qabbad lill-Enġinier Mario Cauchi li kien membru fil-bord tal-għażla tal-offerta, sabiex jevalwa dan ir-rapport.

38.5.4 Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-latrini tar-Rabat. Intalab il-parir tal-Avukat jekk dawn il-kontijiet għandhomx jintbagħtu lura. L-Avukat rat l-Avviż Legali li jindika li l-Kunsill irid jara li dawn il-latrini jkunu fi stat ta' manutenzjoni u ndafa tajba. Dan ma jfissirx li għandhom jitħallsu l-kontijiet tal-konsum minn naħa tal-Kunsill. L-Avukat hekk fhemitha, pero' qalet li l-Qorti tista ma ttikx raġun peress li l-Maġistrat kapaċi jifimha differenti wkoll.

L-Avukat tal-parir li tinkiteb ittra lill-ARMS sabiex il-Kunsill ikopri ruħu u wara jara l-eżitu. Il-membri qablu mal-parir tal-Avukat.

**38.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

38.6.1 Il-membri ġew mgħarrfa li kull nhar ta' Tlieta ser jibda jsir il-*Junior Science Club* fis-sala tal-Kunsill.

38.6.2 Tressaq suġġeriment ta' residenta sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jirrestawra niċċa fi Triq il-Madonna tal-Karmnu. Il-membri qablu.

Tressqet korrispondenza mingħand:-

38.6.3 l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali (AKL) rigward it-tifkira tat-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Intalab lil kull lokalita' sabiex jintika liema hi dik ix-xi ħaġa sinonima mal-lokal. Il-Kunsill indika liċ-Ċittadella;

38.6.4 il-LESA rigward 'Proġetti fil-Komunitajiet';

38.6.5 il-membru Portelli fejn issuġġeriet li l-Kunsill jitlob lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel bust fil-Villa Rundle ta' personalitajiet Rabtin li taw kontribut lill-Beltna. Dawn huma Joseph Bezzina u l-Levarist, li ħallew wirt tanġibbli folkloristiku. Il-membri qablu. Qablu wkoll li ma dawn jiġi suġerit ukoll li jsir bust ta' Ġanninu Cremona li kiteb il-kliem tal-Innu ta' Santa Marija;

38.6.6 Grech & Grech Associates li kitbu għan-nom tal-konjugi Bartoli fejn ilmentaw fir-rigward ta' pajp tal-ilma li sar fuq il-bankina minn sid id-dar 101 fi Triq Vajrinġa u li sar b'tali mod li jitfa' l-ilma fuq il-propjeta' tagħhom. Din it-tieni ittra li bgħatu fuq dan is-suġġett u qed jgħidu li baqgħu bla risposta minn naħa tal-Kunsill. Il-membri ġew mgħarrfa li l-Avukat tal-Kunsill kien bagħat draft bħala risposta u li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kienu approvaw li din tintbagħat minn naħa tal-Avukat. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li dan l-Avukat li tqabbad dan l-aħħar, mhux qed jgħaddi r-risposti lill-Kunsill f'ħin adegwat u l-membri qablu li jitqabbad Avukat ieħor;

38.6.7 id-Direttur Mużikali ta' 'DCapitals Big Band' fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jipparteċipa fir-raba' edizzjoni tal-festival 'Kantamagħna' li se jsir fit-Teatru Asrta nhar is-Sibt 21 ta' Jannar, 2023. Il-membri qablu li l-Kunsill jgħin fil-loġistika u li l-premju lir-rebbieħ tal-kategorija tal-kbar, kategorija Ċ, jiġi ppreżentat mis-Sindku;

38.6.8 'RefabLightblue Partnership' fejn talbu li jiżdiedu l-*bins* il-blu li fihom jinġabru l-ħwejjeġ użati. Il-membri ma qablux;

38.6.9 Charles Bezzina rigward:-

i) irħama li ser titranġa fi Pjazza Savina sabiex jiżdiedu ismijiet ta' persuni li mietu fil-gwerra. Bezzina ried jikkoreġi tipa f'laqam ta' persuna fil-lista. Il-membri ma qablux li l-ismijiet għandhom ikunu bil-laqam. Bezzina għandu jiġi nfurmat b'dan;

ii) talba sabiex tissemma Triq Frank Bezzina (1925 – 1996). Il-membri qablu li dan l-isem jitpoġġa fil-lista għall-ismijiet tat-toroq;

38.6.10 l-Assistant Principal li ressaq talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 106.75 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2023;

38.6.11 ic-Chairman tal-mużew 'Il-Ħaġar' fejn talab sabiex l-*events poster* tal-mużew li jinsab fi Pjazza San Ġorġ, jitpoġġa fi Pjazza Indipendeza. Il-membri ma qablux peress li kien hemm preċedent peress li tabella li kienet tpoġġiet minn terzi, tneħħiet minnufih;

38.6.12 'Gymfun' rigward attiviajiet li jistgħu jiġu orgnizzati qrib il-Milied għall-familja kollha;

**38.7 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

38.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li x-xogħol fuq l-ewwel statwa ta' Pjazza Santu Wistin tlesta u ser jinbeda r-restawr fuq it-tieni statwa.

38.7.2 Minn naħa tad-Direttorat Eko-Għawdex ġiet approvata l-estensjoni tax-xogħol sa l-aħħar ta' Ġunju 2023.

**38.8 *Updgrade tal-Playing Field* – Triq taħt Putirjal**

Is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur li ġie mogħti d-disinn tal-proġett permezz tal-istima VLC/03/2022. Għandu jitħejja rapport sabiex il-Kunsill japprova x-xogħol li għandu jsir u tiġi sottomessa applikazzjoni lill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) u jintalbu l-fondi mid-Development Planning Fund (DPF)

**38.9 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess sabiex isir:-

38.9.1 Transport Malta (TM) ħarġet il-permess sabiex isir *one metre double yellow line* quddiem 4, Triq il-Madonna tal-Karmnu.

38.9.2 Transport Malta (TM) ħarġet il-permess sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq l-Ewropa f'kantuniera fejn m'hemmx bini.

38.9.3 Intalab permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 29, Triq taħt Putirjal. Għandha timtela l-formola rikjesta.

38.9.4 Intalab permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 67, Triq ta' Wara s-Sur. Għandha timtela l-formola rikjesta.

38.9.5 TM ma ħarġitx permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem 'Dar Frejbusa' fi Triq iċ-Ċangar, peress li m'hemmx vettura rreġistrata fuq l-indirizz ta' l-applikant.

Korrispondenza relatata mat-traffiku

38.9.6 Tresqet korrispondenza mingħand il-*Commission on Gender-Based Violence and Dometic Violence* rigward kampanja kontra l-vjolenza domestika permezz ta' tabelli fit-toroq. Il-membri qablu li jekk jinħareġ il-permess ta' TM, dawn isiru fi Triq Repubblika u Fi Pjazza San Franġisk, kif suġġerit mill-Kummissjoni.

38.9.7 Tressqet korrispondenza mingħand resident fi Triq Mattia Preti fejn ilmenta li t-*traffic mirror* li hemm fi Triq Kapuċċini faċċata ta' Triq Mattia Preti tkun mgħottija bil-vetturi tal-ħatt tas-*supermarket* li hemm fil-qrib. Issuġġerixxa li jsir *double yellow line*. Il-membri ma jaħsbux li b'hekk tissolva l-problema. Qablu li jiġi rappurtat till-TM u lill-Gwardjani Lokali li qed ikun hemm il-vetturi pparkjati fin-nofs.

38.9.8 Tressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċjal Maniġerjali Ambjent fir-Reġjun Għawdex rigward – Aratabella – Road Sign Solar Lights.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM:-

38.9.9 biex jitpoġġew tabelli għall-parkeġġ ta' vetturi żgħar biss fi Triq Manwel Dimech;

*38.9.10 un/loading bay* quddiem 'Rapa Aluminium' fi Triq id-Dawwara;

38.9.11 sabiex il-parkeġġ li hemm quddiem 82 fi Triq Santa Marija jimxi l-quddiem u quddiem din id-dar li qed tiġi trasferita f'*bed & breakfast*, isir *keep clear*;

38.9.12 sabiex fi Triq Santa Dminka fl-aħħar parti qabel taqbad il-Munxar, fuq n-naħa tal-farm tas-Sajku, jsir *double line* sabiex jindika li ma tistax tipparkja u fuq in-naħa l-oħra fejn hemm il-flats, jiġu mmarkati l-parkeġġi. Dan minħabba li f'din il-parti, it-triq mhix wiesgħa biżżejjed biex takkomoda parkeġġ fuq iż-żewġ naħat tat-triq li hi *two way*;

38.9.13 sabiex Triq Ċangar issir *one way* u ma jidħlux vetturi minn Triq Għajn Qatet. Dan peress li l-kisra hi perikoluża għal min ikun ġejn mix-Xewkija u jikser fi Triq Ċangar. Il-membri qablu anke' minħabba l-fatt li seħħ inċident ikrah f'din il-kantuniera;

38.9.14 biex isir *traffic management* fi Triq Borg Olivier li jinkludi pedestrian crossing u l-un/loading bays neċessarji. Il-Perit iddiskuta l-pjanta proposta mal-Perit ta' TM sabiex jinħareġ il-permess.

**38.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

38.10.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2022 skond dokument A anness.

**38.11 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

38.11.1 titranġa bankina quddiem 'The Brummies', fi Triq Karlu Galea;

38.11.2 ssir bankina ġdida quddiem binja ġdida fi Triq San Ġwann Bosco;

38.11.3 titranġa bankina quddiem ‘Ta’ Peppi’ fi Triq Ġużè’ Cremona;

38.11.4 titranġa rampa ta’ garaxx quddiem ‘Ir-Rummiena’,35, fi Triq Pompei;

38.11.5 jiġu approvati l-addizzjonijet fir-rigward tas-sistema tas-CCTV għal taċ-Ċawla H.E. Dan ammonta għal €4,500;

38.11.6 ssir lampa ġdida fi Triq Manwel Dimech;

38.11.7 tinħareġ sejħa għall-*upkeep* u l-manteniment tal-*playing field* ta’ Triq taħt Putirjal;

38.11.8 jintalab lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jieħu ħsieb iżejjen Triq Palma għall-festi tal-Milied;

**38.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19:30 ta’ filgħaxija u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar ’il quddiem.

Konfermati, illum, l-Erbgħa, 30 ta Novembru, 2022.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |